MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 785/2003

**Lewis Spiteri**
**Vs**
**Angela Aquilina**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Billi l-istanti jigi hu l-Monsinjur Lorenzo Spiteri li miet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, 2002 ta' tlieta u disghin sena (93) certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala dok CS1;

Billi d-decujus permezz ta' testmenti tieghu datati tmintax (18) ta' Settembru, tas-sena elfejn (2000) u dak tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) fl-atti tan-

Nutar Dr Henri Vassallo, kopja hawn annessa u mmarkata bhala dok CS2 u CS3 rispettivament, ghamel xi tibdiliet, modifiki u zieda mit-testment tieghu principali dak data tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1977) fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Attard, kopja hawn annessa u markata bhala dok CS4;

Billi fid-data ta' dawn iz-zewg testmenti u cioe' tat-18 ta' Settembru, 2000 u dak datat 6 ta' Ottubru, 2000, it-testatur ma kienx fil-pjeni poteri mentali u intelletwali tieghu ghalhekk ma kienx fil-kapacita li jiddisponi minn hwejgu ghal wara mewtu, skond il-ligi;

Billi ghalhekk wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall validita' ta' kuntratt huwa nieqes u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Billi dan jirrendi t-testmenti precitati u cioe' dak datat 18 ta' Settembru 2000 u dak datat 6 ta' Ottubru, tal-istess sena, bhala nulli u bla effett legali in kwantu kif ghandu jirrizulta, l-volonta' tat-testatur kienet karpita b'vizzju tal-kunsens stante li fid-dati tat-testmenti msemmija t-testatur ma kellux l-uzu tar-raguni u dan ai termini tal-artikolu 968 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Billi l-validita' tat-testmenti hawn impunjati jinsabu b'raggiri, kaptazzjoni u mezzi illeciti ohra adoperati mill-konvenuta li kienet is-serva tad-defunt, li approfittat ruhha mill-istat prekarju tas-sahha fizika u mentali tat-testatur;

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta l-ghaliex m'ghandiex dina l- Qorti ghar-ragunijet premessi:

1. Tiddikjara illi t-testmenti tat-18 ta' Settembru, 2000 u dak tas-6 ta' Ottubru, 2000 huma nulli u bla effett u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) u 968 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-kunsens moghti mill-attur fuq l-imsemmi kuntratt kien wiehed vizzjat stante illi fid-data ta' dawn it-testmenti t-testatur ma kellux il-fakoltajiet mentali u

intelletwali kollha u ghalhekk ma kienx kapaci skond il-ligi sabiex jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu;

3. Tiddikjara u tiddecidi illi t-testmenti tat-18 ta' Settembru, 2000 u dak tas-6 ta' Ottubru, 2000 maghmulin minn Lorenzo Spiteri fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo huma nulli u ta' ebda effett legali minhabba nuqqas ta' kapacita' tal-istess testatur li jikkuntratta;

4. In konsegwenza ta' dan, tiddikjara u tiddecidi illi s-successjoni tal-istess Lorenzo Spiteri ghandha tkun regolata mit-testment principali tieghu u cioe' dak datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-Nota tal-**eccezzjonijiet tal-konvenuta Angela Aquilina** a fol. 40 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li d-decujus kien fil-pjeni poteri mentali u ntelletwali tieghu u seta jiddisponi minn hwejgu ghal wara mewtu kif iccertifika l-konsulent psikjatra u psikoterapista Dr. Peter Muscat (Dok. A) u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

2. Illi ma huwa minnu xejn li l-volonta' tat-testatur kienet karpita b'vizzju tal-kunsens jew li gew adoperati mill-konvenuta raggiri, kaptazzjoni u mezzi illeciti ohrajn. Ghall-kuntrarju l-eccipjenti serviet lid-defunt ghal ghexiren ta' snin u bl-ebda mod ma approfittat ruhha minn xi stat prekarju tas-sahha fizika u mentali tad-defunt kif ingustament qieghed jallega l-attur;

3. Illi l-attur irid johloq l-inkwiet billi mhux sodisfatt bil-volonta' tad-defunt kif espress fit-testment in kwistjoni u b'hekk kiser il-hames artikolu tat-testment tal-1997 li

jipprovdi li : ‘t-testatur jimponi fuq l-eredi soprannominati (a) l-adempiment fidil u intier ta’ kull ma ordna u ddispona f’dan it-testment, u jrid u jordna li jekk xi wiehed jew wahda, jew ilkoll, ma joqghodux ghal xi disposizzjoni, jew jittanta jfixkel l-ezekuzzjoni taghha, jew jipprova jissostitwixxi l-infraskritt ezekutur testamentarju, jew jitlob ghal xi riduzzjoni, sopressjoni, mutazjoni ta’ xi legat jew piz ta’ quddies, allura jeskludi mis-sehem lilu jew lilha spettanti u dak is-sehem flimkien ma’ l-obbligi annessi, jghaddi a favur ta’ l-eredi universali l-ohra f’sehem indaqs bejniethom.

4. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

## TALBA

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob l-impunjazzjoni ta’ zewg testmenti tat-18 ta’ Settembru 2000 u tas-6 ta’ Ottubru 2000 billi jallega li huma vvizzjati il-ghaliex it-testatur ma kellux il-fakoltajiet mentali u intellettwali kollha sabiex jiddisponu minn gidu, u minhabba li l-volonta’ tat-testatur giet karpita b’raggiri kaptazzjoni u mezzi illeciti ohra, u li ghalhekk is-successjoni ta’ Monsinjur Spiteri ghandha tigi regolata mit-testment ahhari qabel dawn it-tnejn soggetti ghall-impunjazzjoni cjoe dak tat-22 ta’ Novembru 1997, ladarba dawn it-tnejn ta’ l-ahhar huma hekk ivvizzjati.

## ECCEZZJONIJIET

Il-konvenuta tghid illi dana mhuwiex minnu ghaliex it-testatur kien jaf x’qieghed jaghmel, illi dana jista’ jikkonfermah il-psikjatra li ddikjara illi ma kien hemm ebda

raggiri jew qerq u li l-attur, billi qed jipprova jimpunja t-testmenti, tapplika kontrih disposizzjoni testamentarja tat-testment tal-1997 illi teskludilu sehemu mill-wirt.

**LIGI**

Is-subartikolu 596(1) tal-Kap 16 jiddisponi illi *Dawk kollha li mhumiex maghduda inkapaci taht id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici, jistghu jiddisponu jew jircievu b'testment.*

Is-subartikolu 966(a) jispjega illi l-premessa illi l-partijiet ikunu kapaci, hija rekwizit essenzali, u l-artikolu 968 jistipula illi *Kull kuntratt maghmul minn persuna li m'ghandhiex l-uzu tar-raguni, jew li tkun ghad ma ghalqitx seba' snin, huwa null.*

L-artikolu 597 tal-Kap 16 jipprovdi li huma inkapaci li jiddisponu b'testment :
…….

*(b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaci li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minhabba xi difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom…*

*…….*

*(d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment.*

Meta ssir kawza ghall-impunjazzjoni ta' testment minhabba inkapacita' mentali tat-testatur il-principji li jiggvernaw il-vertenza ghandhom ikun is-segwenti.

L-ewwel nett, il-kapacita' li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita' hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita'; liema presunzjoni hija "juris tantum". Kull persuna ghandha titqies *of sound mind* u li tippossjedi l-fakultajiet mentali ta' persuna ordinarja, u ghalhekk ghandha tkun prezunta bhala kapaci. Huma

ikkonsidrati inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f'sensihom.

"Sabiex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jaghmel. Ma hemmx ghalfejn illi it-testatur ikollu *"una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio' che si fa…….. basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria onde sia capace di determinazione e di volonta' ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose …".* (***Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak, Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938)***.

L-inkapacita' tat-testatur ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testment. *"Huwa principju accettat li, kemm fil-kaz ta' persuna li ma kienitx kapaci taghmel testament, u kif ukoll fil-kaz fejn jigi allegat li persuna kienet imgeghla taghmel testament, il-piz tal-prova jaqa' fuq min irid igib it-thassir tat-testment" (****John Agius vs Carmelo Agius, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 8 ta' Lulju, 2004)***;

"Sabiex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet….*i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persona defunta a riguardo della quale non sono piu' possibili quegli esperimenti medico legali*". Min jipprova jimpunja t-testment jehtieg li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma kienx kapaci. "*La prova deve essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne' volonta propria*" (***Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak**, **Appell Civili, 20 ta' Gunju, 1938)***;

Il-Qrati taghna dejjem kienu riluttanti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk dik l-inkapacita' ma tkunx

irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-*testment* ***(Vol 34 p 108 App Vassallo vs Dr. V. Sammut 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App Formosa vs Axiak 20 ta' Gunju 1938).***

Ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment hija wahda mill-kriterji li ghandhom iwasslu lill gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita' mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk fil-waqt li kien qieghed jaghmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta' li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment.

Ghandhom ukoll relevanza qawwija id-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testaturi u n-Nutar li ghamel it-testement, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti.

Imbaghad fejn hemm l-allegazzjonijiet dwar raggiri, kaptazzjoni u mezzi illeciti ohra li jeffettwaw il-kunsens tat-testatur, il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Diversament, f' kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-konvenut li kontra tieghu tkun ezercitata din l-azzjoni (***Camilleri et vs Camilleri, Appell Civili, 19 ta' Mejju, 1947*****).**

Illi sabiex l-eghmil qarrieqi ikun motiv ta' nullita', irid jintwera illi l-qerq uzat kien ta' entita' tali illi, kieku ma kienx sar, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet li kien effettivament deher illi ghamel. Irid jirrizulta, ghas-success tal-azzjoni, illi l-volonta' tat-testatur tkun giet imdawwra bhala rizultat dirett ta', u b'effett tal-qerq adoperat fuqu. Hekk biss ir-raggiri jkunu effettwaw il-kapacita' tat-testatur. Mhux bizzejjed li t-testatur ikun qaghad ghax-xewqa ta' persuna ohra, u li jkun ikkuntentaha fid-disposizzjonijiet testamentarji. Daka ma jammontax ghal qerq.

**PROVI**

L-attur ipprezenta z-zewg testmenti, maghmulin vicin xulxin fis-sena 2000, wiehed tat-18 ta’ Settembru u l-iehor tas-6 ta’ Ottubru. Fit-13 ta’ Settembru, 2000, sar ic-certifikat tal-Psikjatra Dottor Peter Muscat, li jispjega kjarament illi il-Monsinjur kien *fit to exercise his civil duties and that he also possesses testamentary capacity.* Fl-istess rapport, u iktar tard anki in kontroezami, huwa jaghti wkoll ragunijiet ezawrjenti ghalxiex huwa ikkonkluda illi l-Monsinjur kien kapaci jaghmel testment.

L-attur Lewis Spiteri jispjega fl-affidavit tieghu illi hu u l-familja tieghu kienu jaghmlu li jistghu sabiex jagevolaw lil huh il-Monsinjur. Jallega pero` illi t-testatur kien approprja ruhu minn xi gid tal-familja, izda li hu madanakollu baqa’ dejjem jirrispettah u jmur jarah u li dana fl-ahhar, la kien jara u lanqas jisma’. Jghid li huh mar lura hafna wara li kien gie aggredit gewwa daru fl-1995. Jghid illi l-konvenuta kienet tipprova zzommu ’l boghod mill-Monsinjur u li kienet tipprova ggellidhom.

Carmel Spiteri, iben l-attur, jirrepeti l-allegazzjoni ta’ l-attur, jghid illi l-konvenuta kienet thedded lill-Monsinjur illi tibghatu mid-dar tieghu. Mart l-attur tghid illi ma kellhomx inkwiet mal-Monsinjur, izda minn mindu kien gralu l-incident kien mar lura hafna. L-attur u martu jghidu li l-konvenuta ma kienitx tiehu hsieb il-Monsinjur sewwa.

Ix-xhud Carmen Lia xehdet illi qalulha li fis-sena 2000 il-Monsinjur kien il-hin kollu jghajjat u ma jkunx jista’ jkellimha. Lawrence Spiteri Bailey jispjega li bejn sena u nofs u sena u tmien xhur qabel ma miet, il-Monsinjur gie *bedridden* u beda daqsxejn ihawwad. Jghid illi l-Monsinjur qatt ma semmielu t-testmenti tal-2000. Kien bniedem rizervat hafna. Hu kien imur jarah ta’ spiss, u meta kien ikun hemm kienu xi kultant icemplulu ohtu, meta dina kienet ghadha hajja, u n-neputijiet.

Joe Sapiano jghid illi hu kien baqa’ jzur lill-Monsinjur sal-ahhar, u li dana ghakemm kien fis-sodda, kien baqa’ f’sensih. Jghid illi l-Monsinjur kien inkwetat illi ssir konfoffa kontra l-konvenuta biex jehdulha kollox. Dana kien xi xahrejn qabel ma miet. Jghid illi l-Monsinjur stess kien

jghidlu kemm kien rikonoxxenti lejn il-konvenuta u li, jghidu xi jghidu l-familjari, dak illi ghamlet mieghu kien ser ikun jafulha.

Margaret Micallef tghid illi l-agressjoni effettwatu hafna lill-Monsinjur. Tghid illi kienet tmur tarah kull gimghatejn, imma mill-1998 lanqas biss kien jaghrafha. Tghid illi fl-1998 u l-1999 dana lanqas biss kien jippronunzja kelma. Neputija ohra, Eileen Mercieca, tghid illi kienet tmur tarah tliet darbiet fis-sena imma li mill-1995 ’il quddiem, dana ma baqax jaghrafha.

Monsinjur Vigarju Annetto Depasquale jispjega illi kien imur izur lit-testatur, u dana kien ikellmu u jzomm diskursata. Jikkonferma li dana kien gie misruq u imsawwat xi seba’ snin qabel ma miet. It-Tabib George Schembri, illi kien it-tabib kuranti tal-Monsinjur, jghid illi kien izuru ta’ spiss, u dana kien jitkellem mieghu, u kien biss fl-ahhar gimghatejn ta’ hajtu illi sahhtu marret hafna lura, tant illi kien isibha difficli biex jitkellem. Jghid illi sentejn qabel ma miet, huwa kien ikellmu regolari. Jghid illi l-imgieba tat-testatur fis-sena 2000 kienet kostanti.

Ix-xhieda jikkonfermaw illi l-konvenuta kienet tkun dejjem mal-Monsinjur. L-attur ipprezenta wkoll testment iehor precedenti tal-Monsinjur, illi kien ghamel fl-1996 (fol 88).

Dun Nikol Aquilina, hu l-konvenuta, jispjega illi l-Monsinjur kien bniedem *bi hsieb indipendenti, rizolut u tradizzjonali* waqt illi ohtu *mara sew, kwieta u rizervata.* Lill-Monsinjur kien ilu jafu ghal snin twal u ohtu kienet ilha *maid m*ieghu ghal xi 40 sena. Ezibixxa Dok. NA1 li jikkonsisti f’ dvd li juri zewg okkazjonijiet rigwardanti t-testatur, fejn jghid illi dawna juru kemm kien lucidu u konxju ta’ l-azzjonijiet tieghu. Il-Qorti rat is-silta tal-eghluq tad-90 sena tal-Monsinjur, u allura f’Novembru tal-1999, liema silta tigi kronologikament iktar tard minn dik tas-65 sena ta’ sacerdozju, u li turi kjarament illi l-Monsinjur kien profondament rikonoxxenti lejn il-konvenuta, illi kienet taqdih f’kollox, u illi ghamlet 40 sena mieghu, u li jaghmilha cara illi jixtieq illi tibqa’ mieghu sa mewtu.

Il-konvenuta tispjega illi hija bdiet tahdem mal-Monsinjur sa mill-1962. Kienet tibqa' mieghu kuljum, apparti ghal ftit nhar ta' Hadd wara nofsinhar meta kienet tmur tara l-familjari taghha is-Siggiewi. Il-Monsinjur kien ihallasha xi ftit ghal xoghlha, izda, tghid, kif jghid hu stess, mhux adegwatament. Wara l-1996, ma taha xejn aktar. Ezebiet karti mid-*diary* tieghu illi l-Qorti rat li tassew juru certa metikolozita' u precizjoni minkejja l-eta'. Tghid illi, anki meta saqajh marru, il-Monsinjur kien baqa' lucidu mentalment. Nies il-Monsinjur mhux kollha kienu jmorru jarawh, avolja kellhom access ghalih. Tghid illi qatt ma ghamlet ebda tip ta' pressjoni fuq il-Monsinjur biex ihalli t-testment kif ghamel.

Father Joseph Farrugia, illi kien Arcipriet tar-Rabat, jghid li l-Monsinjur baqa' lucidu sa l-ahhar. Il-Monsinjur kien talbu jkun xhud waqt illi saru iz-zewg testmenti tal-2000 u jghid illi dana kien lucidu ghall-ahhar u ghamel kollox kif ried hu. Kien biss fl-ahhar tlett ijiem jew hamsa illi kien beda jintilef u ma jismax.

Il-Psikjatra Peter Muscat in kontroezami, jispjega illi biex jasal ghall-konkluzjoni illi persuna tkun tippossjedi *testamentary capacity*, kif iccertifika li kellu it-testatur, ikun accerta ruhu illi:

*Il-bniedem ikun mentalment konxju, orjentat jigifieri jkun orientated to time, place and person, ikun jaf fejn qieghed, ikun jaf x'data hi, ikun jaf ma min qieghed jitkellem, kif ukoll ma jkollu ebda deluzjonijiet, ma jkollu l-ebda sinjali ta' ansjeta', depressjoni, ma jkollu l-ebda konfuzjoni u illi hu jkollu rieda ta' xewqa tieghu li jkun irid jaghmel, u jekk persuna tezercita dawn il-fakultajiet, allura persuna jkollha, tippossjedi l-kapacita' biex taghmel testment.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi jigi rilevat illi t-testatur, il-Monsinjur Spiteri seta' jiddisponi minn gidu kif ried hu, bl-iktar mod liberu minghajr obbligu li jhalli lil xi qraba.

Il-prova dwar l-allegata inkapacita' mentali tat-testatur tispetta lill-attur.

Illi l-provi kollha prodotti mill-attur huma insufficjenti biex jiskossaw il-validita` tat-testmenti. Li jidher illi gara kien li l-Monsinjur, kif jirrizulta mill-kontenut tat-testmenti stess (erba' ezibiti b'kollox) kif ukoll mid-DVD ezibit. kien rikonoxxenti hafna lejn il-konvenuta ghal dak li ghamlet mieghu, waqt illi kien deluz bil-komportament ta' numru mill-qraba tieghu. Ghalhekk, iddecieda semplicement illi jezercita dritt illi kellu, cjoe dak illi jiddisponi minn gidu kif irid hu.

Illi ma hemm xejn fil-provi illi jwassal imqar ghal dubbju dwar ir-rieda tat-testatur meta saru t-testmenti u li jista' jwaqqa' l-presunzjoni tal-validita'. Ma hemmx rapporti medici illi jghidu li t-testatur ma kellux fakoltajiet mentali sufficjenti, anzi r-rapport tal-psikjatra Dr. P. Muscat jghid li kien kapaci. Il-fatt li t-testmenti ma sarux fl-istess gurnata jew ezattament wara li nhareg ic-certifikat mhux determinanti f'dana l-kaz in vista tad-diversi xhieda prodotta li kkonferma li fil-perjodu meta saru t-testment il-Monsinjur kien lucidu u kien jaf x'irid.

Il-fatt illi forsi xi drabi l-Monsinjur kien jghid lil xi qraba li kienu sejrin jirtuh, ma jfisser xejn, ghaliex dak li jghodd hu dak li ddispona fit-testmenti. It-testmenti huma dettaljati hafna u juru rieda tabilhaqq ta' persuna struwita illi xtaqet li numru ta' affarijiet jigu specifikatament determinati fit-testmenti.

Ix-xhieda li dehru fuq it-testmenti kienu professjonijisti bhal avukat u Arcipriet li kkonfermaw li l-Monsinjur kien lucidu f'kollox u jaf x'irid. Ma hemmx provi univoci jew gravi li jwasslu lejn xi dubbju dwar is-sanita' mentali tat-testatur meta saru z-zewg testmenti kontestati. Fil-fatt ma hemm ebda prova ta' sustanza f'dan ir-rigward.

L-istess jinghad fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet ta' raggiri. Ma hemm l-ebda prova dwar dan u l-fatt li l-konvenuta kienet tkun dejjem mal-Monsinjur ma jfisser xejn, bhalma ma jfissirx xejn il-hafna id-detto del detto li fuqu huma

mibnija l-allegazzjoniet fuq il-konvenuta. M'hemmx provi li l-konvenuta ddawwret illegalment l-intenzjoni tat-testatur. Lanqas il-qerq ma jirrizulta. L-intenzjoni tat-testatur kienet tieghu u seta jiddisponi kif irid hu minn gidu.

Ghalkemm saru diversi testmenti, dawn ma jikkontjenux disposizzjonijiet irragonevoli, imma huma r-riflessjoni ta' personalita' metikoluza u preciza kif jidher li kellu t-testatur.  Fit-testmenti stess il-Monsijur jispjega illi dak li ta lill-konvenuta bhala rimunerazzjoni ma kienx bizzejjed bhala pagament ghal xoghlha ta' numru kbir ta' snin  (40 sena) u ghalhekk kien jixraq illi tigi kkumpensata iktar.

Finalment jigi rilevat dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, li dina se mai kellha tkun materja ta' kontrotalba jew ta' proceduri ohra, u ghalhekk f'dan l-istadju, din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'. Iz-zewg eccezzjonijiet l-ohra pero` huma fondati u sejrin jintlaqghu.

**DECIZJONI**

Ghal- dawn ir-ragunijiet,
il-Qorti tiddecidi billi:
Tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, u
Tichad it-talbiet kollha tal-attur,
bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------